MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 96/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Psaila**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Psaila talli fis-17 ta' Marzu 2009 u fix-xhur ta' qabel, mill-garaxx tieghu numru sittax (16) li jinsab f'*basement level*, formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet bl-isem ta' "Il-Mulino", accessibli minn *drive-in* li tizbokka minn go Triq Matteolo Saliba, Zurrieq, ghamel uzu mill-istess garaxx b'mod industrijali ghat-tiswija u xoghol ta' *welding* u xoghol mekkaniku iehor minghajr il-permessi u licenzji necessarji mill-awtoritajiet kompetenti, liema xoghlijiet qed jikkawzaw inkonvenjent u periklu mill-

istess kwerelanti li ghandhom proprjeta` kummercjali jew residenzjali fl-istess kumpless 'Il-Mulino' u fil-madwar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-1 ta' Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(gg) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Joseph Psaila hati ta' l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu *ammenda* ta' sitta u hamsin euro (€56); u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat li sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub, ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' erba' mija u disgha u ghoxrin euro u ghoxrin centezmi (€429.20) ghall-ispejjez peritali;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Psaila pprezentat fl-4 ta' Marzu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah mill kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu li ma ngabet l-ebda prova li huwa kien qieghed jaghmel attivita` kummercjali. L-uniku xoghol li ghamel fil-garaxx tieghu kein ghalih innifsu fuq karozza tieghu.

Issa huwa meqjus hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min, skond il-paragrafu (gg) ta' l-artikolu 338 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

**"minn barra mill-kazijiet imsemmijin espressament f'dan il-Kodici jew f'ligi ohra, jaghmel xi haga minghajr licenza ta' l-awtorità kompetenti, meta din il-licenza hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorità kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi;"**

Fir-rapport peritali tieghu l-Perit Mario Cassar, li sema’ x-xhieda kollha, sab li l-appellant ma kienx qieghed juza l-garaxx tieghu ghal attivita` industrijali. Dan ikkonfermah ukoll quddiem din il-Qorti. Konsegwentement ma jirrizultax li l-appellant kellu bzonn ta’ xi licenzja u, *ergo*, li kiser il-provvedimenti tac-citat paragrafu (gg).

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u tilliberah minn dik l-imputazzjoni kif ukoll mill-piena u mill-ordni ghall-hlas ta’ l-ispejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------